# IL-BERGA TA' KASTILJA

**Kif għidtilkom fl-aħħar artiklu, il-Kavallieri Spanjoli kienu mqassmin f'żewġ Lingwi: dik ta' Aragona u dik ta' Kastilja. Dwar l-ewwel waħda ġa tkellimna. Illum nitħaddtu dwar il-Berġa tat-tieni Lingwa, dik ta' Kast ja. Kap jew Pilier tagħna (mhux Pilar bħalma ġie stampat fl-aħħar artiklu) kien il-"Gran Kanċillier" tal-Ordni, li maż-żmien kiseb importanza kbira fl-Ordni, għax hu kien iħares is-siġillar tad-dokumenti jew Bolli bis-siġill il-kbir. Ix-xogħol l-ieħor, bħalma huma l-għot ta' kopji legali, l-iffirmar u s-siġillar tal-atti kien jagħmilhom għalih il-Viċi-Kanċillier mgħejjun minn żewġ persuni oħra. Fost il-Viċi-Kanċilliera ġie li kien hemm ukoll xi maltin.**

## *MINN MONS. PROF. ARTURO BONNICI*

Bħal-Lingwi l-oħra, dik ta' Kastilja ħasbet biex tibni Palazz jew Auberge għal l-membri tagħha flimkien ma dawk ta' Leon u tal-Portugall. Intgħażlet għal dan il-bini biċċa art gmielha u l-aktar prominenti fil-Belt il-Gdida, fejn, għall-ewwel kien ser jinbena l-Palazz tal-Grammastru. Ix-xogħol inbeda fl-1574 taħt it-tmexxija tal-arkitett tal-Ordni Glormu Cassar. Il-bini tela', iżda m'huwiex dak li naraw illum; għaliex mitejn sena wara (1774) arkitett ieħor malti magħruf, Duminku Cachia, ġie mqabbad mill-Grammastru Manoel Pinto biex jagħti sura oħra (ngħidu aħna llum, "a new look") lil dak il-Palazz.

### BHALU U ISBAH MINNU

Jingħad li dak l-arkitett intbagħat l-Italja u Sqallija biex jistudja l-palazzi ta'



hemm. Fost il-palazzi sbieħ li ra kien hemm dak tal-Prefettura ta' Lecce, u Cachia pp.ova jagħmel id-disinji tiegħu fuqha, u rnexxielu jissuperaha fis-sbuħija. Hekk jgħidilna Quentin Hughes, Professur li jgħallem fl-Universita' tagħna u hu d-Dekan tal-Fakolta' tal-Periti, fil-ktieb tiegħu sabieħ u ta' fejda, imsejjaħ "The Building of Malta: 1530-1795". Fl-istess ħin, Hughes jara ħafna punti fil-Berġa ta' Kastilja li jixbħu lil dawk tal-Banka Guratali jew Palazz Muniċipali fi Triq Merkanti (fejn illum hemm ir-Registru Publiku), li nbena xi 24 sena qabel Kastilja.

Il-Berga ta' Kastilja qegħda f'post li minnu tiddomina l-Port il-Kbir u parti kbira mill-Gżira. Quddiemha tinfirex pjazza kbira bi triq sabiħa li tqabbdek mal-Furjana u oħrajn li jdaħħluk fil-qalba tal-Belt. Il-Palazz il-ġdid hu l-akbar u l-isbaħ fost l-oħrajn, u dan turihulek l-istess faċċata tiegħu, imponenti u majjestuża. Maqtugħa għaliha u mdawra b'kanċell tal-ħadid imżejjen bix-xtieli, tersaq lejha bis-saħħa ta' taraġ wiesa' ffaċċettjat. Tidħol, imbagħad, minn bieb imżejjen b'4 kolonni stil 'doriku' u fuqu trofej tal-gwerra skolpiti fil-ġebla tnabar, kanuni, trumbetti, bnadar u ktajjen, u f'nofshom il-bust ta' rham tal-Grammastru Pinto. Assjem li, trid jew ma tridx, jolqot il-għajn.

### RITMU U SOLIDITA'

Fuq il-bieb tinfetaħ tieqa kbira, hija wkoll imżejna bit-tnaqqix ta' trofej tal-gwerra u l-arma tal-imsemmi Grammastru fuqha. Zewġ armi oħra jżejnu finnofs il-gwarniċun tal-bejt miżmum fuq 38 Saljaturi. Ma kull naħa tal-bieb u tat-tieqa ċentrali hemm ħames twieqi oħra b'kollox 30 tieqa: 10 fil-pjan nobbli (ta' fuq), li jifforma ordni għalih, u 20 tieqa oħra fiż-żewġ pjani ta' taħtu (pjanterren u l-ewwel pjan), li jiffurmaw ordni ieħor flimkien. Dawn it-twieqi huma wkoll imżejnin.

Għalkemm, kif kulħadd jista' jara, il-faċċata ta' Kastilja hija mimlija dekorazzjonijiet, b'dan kollu hija mhiex imżejna żżejjed u għandha proporzjonijiet li jintgħoġbu: fiha hemm ritmu u solidita'.

Barra l-bieb ewlieni li semmejna, li minnu tidħol f'intrata wiesgħa u minnha titla' b'taraġ sabieħ fil-pjan nobbli, hemm żewġ bibien oħra quddiem xulxin, kbar iżda mhux imżejnin bħal dak ewlieni: bieb minnhom fi Triq Merkanti u ieħor fi Triq San Pawl. Malli tidħol minn dawn issib kurituri li jwassluk f'bitħa ċkejkna, iżda ħelwa ħafna, imdawra b'portikat fuq arkati u b' maskeruni isfel, u loġoġ bil-balabustrar, fuq. Mal-lemin ta' min jidħol minn Triq Merkanti, tilmaħ bieb għoli, fuqu hemm gallerija b'tieqa ovali fuqha; minnu, bis-saħħa ta' taraġ doppju titla' għall-ewwel pjan. Quddiem dak il-bieb hemm funtana ċkejkna bl-ilma jittajjar minnha, li flimkien ma ftit xtieli tagħti l-ħajja lil dak il-Palazz.

### MIS-C-in-C GHALL-P.M.

Ilkoll niftakru dik il-Berġa bħala "Headquarters" tal-Forzi Ngliżi, li minnhom kienet magħrufa bħala "The Castille". Illum saret il-Palazz tal-Prim Ministru Malti u ngħiduha kif inhi, kien xieraq li f'Malta Indipendenti, il-Prim Ministru jkollu Palazz bħal dak b'għamara tiegħu u tal-Ministeru.

Billi l-Palazz hu kbir ħafna, barra mill-Ministeru, illum inġabru fih ħafna Dipartimenti oħra, bħalma huma: il-Kmand tal-Malta Land Force, il-Finance Office, is-Segretarjat tal-Parlament, l-Uffiċċju tal-Istatistika u Elettorali, mannaħa ta' Triq Merkanti, u uffiċċji oħra tas-"Civil Aviation", tal-"Establishments", tal-"Accounts" u tal-"Information Department" flimkien mal-Uffiċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-Laboratorju tal-Fotografija, man - naħa ta' Triq San Pawl.

Fejn, dari, kont tara deħlin u ħerġin mill-bieb ewlieni il-Kapijiet tal-Forzi Armati Ngliżi, illum, tara l-Ambaxxaturi u l-Ogħla Awtoritajiet deħlin u ħerġin minn hemm. Mill-bibien l-oħra, flok is-suldati jidħlu l-impjegati u n-nies. Kemm kellna naraw tibdil fi żmienna!